TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 554/10

**Alfred Grech**

**vs**

**U.C.I.M. u Standard Import/Export Co. Ltd.**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija u erbgħin ewro (€340), rappreżentanti prezz ta' żewġ tyres li wara biss 6,000km bdew juru sinjali ta' xquq.

L-intimati ppreżentaw risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara vettura mingħand id-ditta intimata u wara 6,000km żewġ tyres bdew juru sinjali ta' xquq tant li ma setax ikompli juża l-vann.

Is-soċjeta' intimate U.C.I.M. issottomettiet illi l-*warranty and service book* mhijiex iggarantita minn U.C.I.M. imma huma garantiti mill-manifattur.

L-aġent tal-manifattur lokalment tad-ditta Standard Import & Export Co. Ltd. issottometta illi la barra u la Malta ma taw l-ebda garanzija fuq dak il-ktieb tagħhom u di piu r-roti kienu għamlu ż-żmien tagħhom.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonkludi illi fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda aċċettazzjoni da parte tal-manifattur illi jagħmel tajjeb għal dawn ir-roti u r-relazzjoni ġuridika kienet bejn ir-rikorrenti u s-soċjeta' intimata U.C.I.M. Co. Ltd.

Hija nġusta u illegali li l-kumpanija U.C.I.M Co Ltd tibda tiżvesti ruħha mill-garanzija anke tenut kont tal-fatt fuq l-istess ktieb li fuq l-istess *warrant and service book* m'hemmx l-aċċettazzjoni tat-terza persuna li qed tagħmel tajjeb għal dawn l-affarijiet.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jikkonkludi illi diment li m'hemmx aċċettazzjoni tat-terza persuna li qed tagħmel tajjeb għal dawn l-affarijiet, jew għal xi ħsarat u danni jew għal xi nuqqasijiet, jikkonkludi li hija l-kumpanija li trid tagħmel tajjeb.

It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrenti jrid jagħmel użu minn dawn ir-roti u li jista' jkun illi l-ħajja tagħhom spiċċat aktar qasira milli kellha tkun minħabba li dawn bdew jitqattgħu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata U.C.I.M. Co. Ltd tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata U.C.I.M. Co. Ltd.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**